**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Elisia Scicluna)**
**-Vs-**
**ROSA JOSA CARBONELL**

**Illum 7 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li **ROSA JOSA CARBONELL** ta' sitta u sittin (66) sena, bint Luis u Rosa xebba Carbonell, imwielda nhar id-dsatax (19) ta' Novembru sena elf disa' mijja sebgha u hamsin (1957) gewwa Reus Tarragona, Spanja, tirrisjedi gewwa 33, Calle Vinebre, Reus Tarragona, Spanja u bin-numru ta' identifikazzjoni spanjol 39844261G, li ġiet akkuzata talli nhar is-6 ta' Jannar 2024 ghall-habta ta' bejn is-14.30hrs u it-15.30hrs, gewwa triq Nerik Sacco, Marsa, Malta:-

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, kkaġunat offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmen Abela u/jew persuna/I ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, waqt li kellha taħt il-kontroll taghha vettura bil-mutur ta' għamla Hyundai I10 bin-numru ta' reġistrazzjoni GQZ549, saqet b'manjiera perikoluża, negligenti u bla kont;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, wara li kont involuta f'inċident b'vettura bil-mutur, inqast li bħala sewwieqa tieqaf, jew meta hekk kont mitluba minn xi uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn xi persuna oħra li kellha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, inqast li tagħti isem u l-indirizz tiegħek, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

F'kaz ta' htija l-Qorti ġiet ukoll mitluba tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur taqra l-akkużi;

Semgħet lill-imputata tammetti li hija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha;

Wissiet lill-imputata dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tagħha u tatha ħin biex tahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex terga' tikkonsulta mad-difensur tagħha;

Semghet lill-imputata tikkonferma l-ammissjoni tal-htija tagħha anke wara ġiet imwissija dwar il-piena erogabbli;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-proċeduri għar-reat taħt l-artikolu 226(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, mertu tal-ewwel imputazzjoni, ittieħdu fuq kwerela tal-parti offiża.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputata, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tagħha u bl-assistenza ta' interpretu ġuramentat, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħha ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputata ghandha tinsab hatja tar-reat li giet mixlija dwarhom.

Ghall-fini tal-piena ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputata ġiet Malta għal vakanza ta' ftit ġranet biss u reġistrat ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll il-fedina penali netta tagħha. Fil-qies ta' kollox, iżda miżmum ferm ukoll il-fatt illi hija ammettiet li kienet qed issuq b'mod perikoluż, temmen li filwaqt li piena karċerarja effettiva ma tkunx idonea, ikun opportun li timponi piena pekunjarja għad illi mhux f'ammont minimu. Fiċ-ċirkostanzi isibu riskontru wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65.

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Ordinanza tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 67.11, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil ROSA JOSA CARBONELL ħatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontriha u tikkundannah tmien mitt Euro (€800) multa li għandha titħallas minnufih u bl-applikazzjoni tal-Artikou 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-ħatja milli jkollha jew milli tikseb liċenza tas-sewqan, għal żmien tliet (3) xhur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**